**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 97 – IT-TNEJN, 15 TA' JANNAR 2018 FIL-5.45PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | | |
|---|---|---|
| | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Trevor Fenech | Kunsillier (6.15pm) |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Dominic Cassar | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | | |
|---|---|---|
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |

Assenti

| | | |
|---|---|---|
| | Malcolm Abdilla | Kunsillier |

## 1 Approvazzjoni Minuti Numru 96

1.1 Kien hemm korrezzjoni waħda. Fil-paragrafu 7.6 għandha tinbdel Triq San Franġisk minflok Triq Bernardette.

1.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Punti mtella mill-Minuti 96

2.1 Rigward paragrafu 7.1 kien hemm qbil li jiġi mqabbad pulizija (extra) għal din l-attività.

2.2 Rigward parafrafu 7.6 ġie innutat li intbagħtet l-applikazzjoni.

## 3 Pagamenti Numru 84

3.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Kien hemm qbil li l-laqgħa annwali ssir fid-29 ta' Jannar 2018 fis-7.30pm.

4.2 Kien hemm dissszzjoni rigward il-proposta ta' Wirt San Ġwann biex issir il-kolonna. Kien hemm qbil li l-Kunsill ghandu joħroġ sejħa pubblika meta Wirt San Ġwann jippreparaw il-BOQ. Kien hemm qbil li għandha ssir talba lil Lands Authority rigward Torri Ruman.

4.3 Kien hemm diskussjoni biex jinstabu postijiet fejn jistgħu jsiru funtani. Kien hemm suġġeriment fi Triq il-Battaljun kantuniera ma' Triq in-Naxxar.

4.4 Dwar Ġnien Karen Grech ġiet innutata r-risposta tal-Ministru Ian Borg, kif ukoll ir-rapport tal-Health and Safety ta' dan il-ġnien. Kien hemm qbil unanimu li għandhom jitneħħew dawn il-bandli u l-carpeting minħabba l-periklu li hemm.

4.5 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-permess tal-community centre għandu joħroġ fi żmien qasir u l-Kunsill għandu jibda jara għal post alternattiv meta jibda dan ix-xogħol.

## 5 Korrispondenza

5.1 Kien hemm qbil li jibda jingħata s-servizz ta' Podiatry mill-Kunsill darba fix-xahar għal spiża ta' 100 Ewro fix-xahar.

5.2 Kien hemm qbil li l-Kunsill jieħu sehem fi Clean Up Campagin li ser issir fit-22 ta' April 2018.

5.3 Kien hemm qbil li jigi accettata l-offerta tas-Sur Trevor Zahra biex isir lejla letteraja.

5.4 Kien hemm qbil li l-ikla tal-Milied issir fil-25 ta' Jannar 2018.

5.5 Rigward talba biex issir sleeping policeman fi Triq tal-Ibraġ, kien hemm qbil unanimu li din ma ssirx.

5.6 Kien hemm diskussjoni rigward talba minn kumpanija Tatra Trading biex jagħmlu numru ta' murials b'reklami ma' postijiet pubbliċi. Kien hemm qbil unanimu li ma tiġix aċċettata din il-proposta.

5.7 Kien hemm qbil li ssir guva tal-għasafar fil-Ġnien tal-Kappara.

5.8 Kien hemm qbil li għandha toħroġ sejħa pubblika biex jinxtraw 4 Christmas trees bħal dik li diġà għandu l-Kunsill biex jintramaw għal Milied li ġej.

## 6 Performance Appraisals

6.1 Kien hemm diskussjoni rigward il-performance appraisals tal-istaff. Dwar Janika Baldaccino u Deborah Garroni kien hemm qbil li dawn jingħataw 6% performance bonus kif ukoll jingħataw promotion għal Executive Officer. Dwar Nadia Camilleri u Doreen Polidano dawn ukoll għandhom jingħataw 6% performance bonus. Dwar Denyse Scerri kien hemm qbil li din tingħata 5% performance bonus.

6.2 Kien hemm diskussjoni rigward is-Segretarju Eżekuttiv. Kien hemm qbil unanimu li dan jingħata 10% performance bonus.

**7 Affarjiet ohra**

7.1 Is-Sur Dominic Cassar ippropona li ssir bozza ġdida fi Triq Ta' Żwejt. Kien hemm qbil.

7.2 Is-Sinjura Marica Bayliss ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill li hemm website antika li trid titneħħa. Fakkret li għad iridu jsiru żewġ filati ġebel fi Triq Wied Għollieqa u għandha ssir reminder lil TM dwar il-bus stops li jridu jinbidlu kif ukoll dwar iż-zebra crossing ħdejn l-ECO. Ipproponiet ukoll li l-Editur tal-Ħuġġieġa jsir Tony C Cutajar. Kien hemm qbil fuq dan.

7.3 Is-Sinjura Joan Farrugia tkellmet fuq it-tabelli li twaħħlu dwar ir-rimi ta' skart.

7.4 Is-Sur Trevor Fenech talab biex isiru slow markings fi Triq il-Baltiku.

**8 Għeluq il-Laqgħa**

8.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.30pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 29 ta' Jannar 2018 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Etienne Bonello Du Puis** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |